**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017

Talba Numru: 407/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 36

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa**
**MRS 1501**
**Vs**

**Louis Grixti (137581M)**

**9, Sqaq Pinto Nru 4,**

**Hal Qormi**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' seba' mija u sebgha u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€777.33c) in konnessjoni ma' servizzi moghtija lil konvenut mis-socjeta' attrici u migbura fil-kont numru 40216544.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament kemm bl-Avviż tat-Talba

u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema' ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, isib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' seba' mija u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmi (€777.33c) bl-imghaxijiet legali min-notifika tal-ittra ufficjali 85/16 jew id-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, liema wahda tigi l-ewwel, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**